II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10407 — AIP/Alvance Dunkerque Target Business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 309/01)

Fis-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) ("Ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— American Industrial Partners Capital Fund VII, LP (l-Istati Uniti), fond ta' investiment ġestit minn American Industrial Partners (kollettivament imsejħa "AIP"), u

— Alvance Aluminium Dunkerque ("Dunkerque Aluminium", Franza), attwalment hija proprjetà ta' Liberty France Industries 1 SA, li min-naħa tagħha fl-aħħar mill-aħħar hija proprjetà ta' Alvance Aluminium Group u tas-Sur Gupta.

L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AIP hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq ix-xiri u t-titjib ta' negozji industrijali,

— Dunkerque Aluminium hija produttur tal-aluminju primarju, li topera fonderija tal-aluminju f'Loon-Plage ħdejn Dunkerque (Franza).

Fid-19 ta' Lulju 2021, il-parti notifikanti informat lill-Kummissjoni li hija rtirat in-notifika tagħha.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.